20 ta' Mejju, 1963.

**Imħallfin:—**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**
**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Salvatore Cassar Ellul

*versus*

Tommaso Vella

**Bord tal-Kera — Art 5 (1) (a), 8 (1), 9 — 14 Kap. 108. Talba għar-Ripresa biex issir bini fil-Fond — Użu Divers mill-Fond —**

*Il-każijiet ta' talbiet taħt il-liġi tal-Kera għar-ripresa ta' pussess da parti tas-sid huma dawk biss kontemplati fl-art.* 9 — 14 *tal-Kap.* 108. *L-artikoli l-oħra, senjatament l-art.* 5 (1) (*a*) *u* 8 (1) *jirriferixxu għall-awment ta' kera u tibdil ta' kondizzjonijiet; għalhekk fond ma jistgħax jiġi meħud biex isir bini fih.*

*Biex ikun hemm lok għar-ripresa ta' possess skond l-art.* 10 (*a*) *jeħtieġ li l-kerrej jkun naqas milli josserva l-kondizzjonijiet tal-kiri, jew li jkun uża l-post għal xi skop divers minn dak li għalih il-post ikun ġie mikri.*

*Sabiex ikun hemm lok għas-sanzzjonijiet tal-liġi, jeħtieġ li l-kambjament denunzjat ikun sostanzjali, u mhux verament relativ għall-aċċidenti.*

*F'dan il-każ, l-inkwilin żamm fir-razzett baqar u barrin oltri l-mogħoż.*

Il-Qorti, rat it-talba tar-rikorrent biex jiġi awtorizzat jirriprendi l-pussess tal-fond numru 54, Trieq Raffaela, Qormi, billi għandu bżonn jagħmel kostruzzjonijiet edilizzji fuqu u l-intimat mhux jabita fih;

Rat il-verbal tat-8 ta' Mejju, 1962, li bieh l-intimat eċċepixxa li l-fond hu protett mil-liġi fis-sens li hu "ħanut" skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 109, Ediz. Riv.;

Rat in-nota tar-rikorrent, li biha żied il-kawżali li l-intimat ma qagħadx għal pattijiet tal-lokazzjoni billi qiegħed juża r-razzett anki għal barrin.

Rat in-nota l-oħra tar-rikorrent, li biha żied ukoll il-kawżali tas-sullokazzjoni jew ċessjoni tal-post bla l-kunsens tar-rikorrent.

Rat is-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tat-28 ta' Frar, 1963, li biha t-talba ġiet miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrent, billi kkunsidrat:—

Illi r-rikorrent xehed illi jrid il-fond biex jibnieh: irriżulta wkoll ex admissis illi r-rikorrent kera l-fond lill-intimat biex iżomm il-mogħoż u saret wkoll skritta bejn il-partijiet fejn ġie dikjarat illi l-fond huwa mikri "bħala razzett għall-mogħoż". Għalhekk il-fond huwa "ħanut" fis-sens tal-Kap. 109 (ara Deċiż. App. Vol. XL, P. I, Paġ. 164, XXXV, P. I, Paġ. 214) u anke kieku l-fond ma kienx "ħanut" l-ewwel motiv addott mir-rikorrent ma jintitolahx illi jieħu lura l-fond lokat (ara reċentement App. Mifsud vs. Borg, 25 ta' Jannar, 1963).

Jikkunsdra dwar it-tieni motiv jiġifieri illi l-intimat ma qagħadx għall-pattijiet tal-lokazzjoni għaliex fil-waqt illi l

fond ġie lokat lilu bħala razzett għall-mogħoż, kif ammetta l-istess intimat, qiegħed iżomm ukoll baqar tal-ħalib, illi anqas jista' jingħad b'daqshekk illi l-intimat ma qagħadx għall-pattijiet tal-lokazzjoni. Huwa veru *illi* l-iskrittura ssemmi biss mogħoż, imma wieħed għandu jifhem illi dan ma sarx biex jiġu esklużi animali oħra tal-ħalib, imma biex jirriżulta *car għalfejn kien qiegħed jiġi mikri* l-post. F'dak *iż-żmien* tal-lokazzjoni l-intimat ma kellux baqar, u kien iżomm biss mogħoż, pero l-użu tal-post baqa' l-istess, ċioe ta' *annimali* tal-ħalib. Fil-kawża Magro vs. Mizzi, (Appell 21 ta' Jannar, 1963) ġie deċiż *li* ma *jikkostitwix* użu divers il-fatt illi l-inkwilin juża bħala consulting room dik l-parti tad-dar li skond il-ftehim sata' juża bħala store tal-mediċinali li kien ikollu fl-istess dar mikrija lilu bħala spiżerija, għaliex dan skond id-dottrina u l-ġurisprudenza si tratta ta' kambjament parzjali u komplimentari għad-destinazzjoni miftehma, b'mod li jibqa' dejjem sħieħ l-użu stabilit fil-ftehim.

*Fil-każ in kwistjoni l-Bord huwa tal-fehma illi l-kummerċ* tal-intimat baqa dejjem l-istess ċioe dak tal-annimali tal-ħalib; kieku fil-ftehim kienu ġew esklużi espressament il-baqar allura kien ikun każ divers, għaliex il-partijiet għandhom joqgħodu għat-*termini preċiżi tal-kuntratt*: pero f'dan il-każ il-Bord hu tal-fehma illi l-iskop kien illi l-fond jiġi wżat għall-iskop ta' produzzjoni tal-ħalib, u ssemmew il-mogħoż għaliex l-intimat ma kellux baqar f'dak *iż-żmien*. Del resto r-rikorrent stess fix-xhieda tiegħu qal illi huwa ma kienx jieħu passi kontra l-intimat kieku ma riedx *il-post* biex jibnieh, u dan juri kif ir-rikorrent stess iħoss ill ma kien hemm ebda *vjolazzjoni tal-patti* lokatizzji.

Jikkunsidra fl-aħħarnett dwar il-pretiża sullokazzjoni tal-fond da parti tal-intimat bla permess tar-rikorrent, illi kull ma rriżulta huwa illi l-intimat għall-fini ta' konvenjenza

għamel il-permessi biex iżomm il-baqar f'isem it-tifel tiegħu, imma fil-fatt il-baqar u n-negozzju tagħhom dejjem kien u għadu tal-intimat. Għalhekk anqas ma jista jingħad illi ġiet pruvata ebda sullokazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell li bih l-imsemmi Cassar Ellul talab li dik is-sentenza tiġi revokata bill tiġi nveċe milqugħa t-talba tiegħu bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

Trattat l-appell.

Ikkunsidrat:—

Bil-verbal tad-29 ta' April, 1963 quddiem din il-Qorti, l-appellant iddikjara li ma jinsistiex fuq il-kawżali tas-sullo-kazzjoni jew ċessjoni;

Jibqgħu, għalhekk, iż-żewġ kawżalijiet l-oħra — ċioe, illi l-appellant irid il-fond biex jibnieh, — u l-oħra dwar il-kambjament tad-destinazzjoni tal-fond. Verament, fir-rikors tal-appell l-aggravvju hu konċentrat fuq it-tieni kawżali.

Ikkunsidrat kwantu għal ewwel kawżali:

Din il-Qorti ġa rriteniet, bis-sentenza tagħha in re Salvatore Mifsud vs. Nikola Borg tal-25 ta' Jannar, 1963, illi l-każijiet ta' talbiet taħt din il-liġi tal-Kera għar-ripreża ta' pussess da parti tas-sid huma dawk biss kontemplati fl-art. 9 — 14 tal-Kap. 109. L-artikoli l-oħra, senjatament l-art. 5 (1) (a) u 8 (1) jirriferixxu għal awment ta' kera u tibdil ta' kondizzjonijiet. Għalhekk, qal sewwa l-Bord li, anki jekk mhux "ħanut", il-post ma' jistax jiġi meħud mir-rikorrent in bażi għal ewwel kawżali;

Kwantu għat-tieni kawżali:—

Tant fir-rikors tal-appell *kemm* fid-dibattitu orali quddiem *din* il-Qorti, l-appellant għamel pjuttost enfasi fuq li l-post qed jintuża anki għal baqar minbarra għal mogħoż, għad li, meta żied il-kawżali *bin-nota* hu oġġezzjona għal **barrin, u l-baqar ma semmihomx.** Hu anki ta' min josserva illi l-appellant, qal li kieku ma kienetx għal ewwel kawżali, hu ma kienx jipproċedi fuq it-*tieni* waħda.

Ikkunsidrat:

*Biex* ikun hemm lok għar-ripreża ta' pussess skond l-art. 10 (a) jeħtieġ li l-kerrej ikun naqas milli josserva l-kondizzjonijiet tal-kiri, jew *li* jkun uża l-post għal xi skop divers min dak li għalieh il-post ikun ġie mikri.

Mill-iskrittura, eżibita *in kopja* jidher illi dan il-fond ġie *mikri* bħala "razzett għal mogħoż". Fil-fatt l-intimat żamm fih, su per ġju, minn żmien għal ieħor, xi ħamsin mogħża u xi seba' baqriet. Ġie *li kellu* xi erba' barrin.

Issa, għalkemm fl-iskrittura ġew imsemmijin il-mogħoż, eppure il-fond kien qed *jiġi mikri* bħala **razzett**, u ċertament ii-fatt li, flimkien mal-mogħoż, jinżammu xi baqar, u, tal-volta, xi barrin, ma' jiżnaturax id-destinazzjoni tal-fond bħala **razzett,** — u *kienet tkun interpretazzjoni* rigoruża żżejjed kieku kellu jingħad li l-kliem "għal mogħoż" huma limitativi f'sens ta' esklużżjoni ta' annimali oħra li wkoll jinżammu f'irzizet. Aktarx għandu *jingħad li* ssemmew il-mogħoż, għaliex **dawn** kienu l-element predominanti, u għax il-ħalib ta' **dawn** l-annimali kien, verosimilment, jikkostitwixxi l-fornitura prinċipali *tal-intimat lil Milk* Marketing Department.

Sabiex ikun hemm lok għas-sanzzjonijiet tal-liġi, jeħtieġ *li l-kambjament denunzzjat* ikun sostanzzjali, u mhux

verament relativ għal aċċidenti. Hu llustrattiv ta' mutament ta' sustanza l-esempju tal-POTHIER (Della Locaz. nru. 189) *ċitat b'approvazzjoni* minn awturi oħra fosthom LAURENT, Vol. XXV — para. 258 p. 210 — u BAUDRY, Locaz. Vol. I, p. 454, nota 2 in kalce) — ċioe dak ta' "una casa civile" li tiġi adibita, għalkemm lokata bħala dar, għal użu ta' "bottola" jew "officina da maniscalco o chiavaiulo." Dan hu kambjament ta' sustanza li jbiddel in-natura tal-fond, — *iżda, għal kuntrarju, ma hux kambjament ta' destinazzjoni xi* tibdil li jżied biss xi ħaġa aċċessorja għal użu miftiehem. (BAUDRY Loc. cit. p. 457), BASTA li din l-aġġunta tkun kompatibili man-natura tal-fond u d-destinazzjoni miftehma, — bħal ma hija f'dan il-każ li fih il-fond hu razzett, ġie *mikri* bħala razzett, u baqa' tali avolja mal-mogħoż żdiedu l-bqar u talvolta xi barrin (Ara App. Galea vs Farrugia, 7 XII. 56; Zahra vs. Zammit 11/1/57; Magro vs. Mizzi 21/1/57; Vella vs. Grech 24/3/58).

Għalhekk, din il-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata, *bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi* kontra l-appellant.